*Damnum emergens; lucrum cessans;*
*Artikolu 1045 Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta*

# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 7 ta' Lulju, 2017**

**Numru 6**

**Citazzjoni Numru 1761/00 TA**

**Joseph Farrugia**

**vs**

**John Degiorgio u Francis Degiorgio**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata u mahlufa mill-attur Joseph Farrugia fit-28 ta' Awwissu, 2000 li permezz taghha ppremetta u talab is-segwenti:-

> "Peress illi l-attur kien aggrediet b'mod vjolenti mill-konvenuti nhar il-31 ta' Awissu 1998 filghaxija fil-Belt Valletta;
>
> U peress illi l-attur sofra ferita f'ghajnejh ix-xellugija rizultanti f'deterjorazzjoni fil-vista tieghu konsegwenza diretta tal-incident fuq imsemmi;

U peress illi l-attur, minn wara l-incident fuq imsemmi, beda ukoll isofri minn ugigh ta' ras li jaghtih ta' spiss u fit-tul, inkluz 'blackouts' kull meta jigi biex jaghmel xoghol ta' strapazz liema xoghol, l-attur kien qabel l-incident, jaghmel facilment u minghajr ebda problemi;

U peress illi l-attur kien u ghadu jsofri minn nuqqas ta' vista f'ghajnejh ix-xellug kif ukoll minn ugigh ta' ras li jaghtih spiss u fit-tul, liema danni sofferenti qed jikkawzawlu tfixkil fix-xoghol tieghu, tant li sahhansitra kellu jimpjega persuna sabiex jaghmel ix-xoghol tieghu ta' strapazz;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex in vista tal-permess, m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. tiddeciedi u tiddikjara l-konvenuti jew min minnhom unikament responsabbli tal-ferita li l-attur garrab f'ghajnejh ix-xellugija; u

2. tillikwida d-danni rizultanti direttament u/jew indirettament minn din il-ferita li garrab l-attur bhala konsegwenza tal-imsemmi incident;

3. tikkundanna l-konvenuti jew min minnhom, ihallsu lill-attur dik is-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra ufficjali f'Jannar 2000, kontra l-konvenuti illi minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni."

Rat in-nota l-eccezzjonijiet tal-konvenuti prezentata u mahlufa minnhom fl-20 ta' Ottubru 2000 li permezz taghha eccepew s-segwenti:-

"Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi m'huwiex minnu illi l-konvenuti aggredew lill-attur izda huma sempliciment iddefendew ruhhom kontra l-aggressjoni da parti ta' l-attur stess.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuti ma kkawzaw l-ebda dizabilita` permanenti u ghalhekk m'ghandhom jirrispondu ghal ebda danni."

Rat l-avviz tat-23 ta' Frar 2017 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imhallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li bis-

sahha tieghu l-kawza odjerna giet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diga` imhollija ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Qrat ix-xhieda li gew imressqin mill-partijiet;

Rat id-dokumenti li gew esebiti in atti;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta' April 2017, fejn il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Dwar x'inhuma l-fatti ta' din il-kawza ma tantx hemm xi tghid. Il-Qorti ghandha verzjoni wahda quddiemha: dik tal-attur. Il-konvenuti, ciononostante l-eccezzjonijiet taghhom, deherilhom li ma kellhomx iressqu provi biex isostnuhom.

Ghalhekk mir-rizultanzi processwali l-fatti huma s-segwenti:-

**2.** Fil-31 ta' ta' Awwissu 1998 ghall-habta tat-8.00pm, l-attur kien f'Bieb il-Belt Valletta flimkien ma' Anna Degiorgio, li tigi mart il-Konvenut John Degiorgio! Ghalhekk il-Qorti tista' biss tippresumi x'kien li pprovoka dan l-incident. L-imsemmi John Degiorgio kien ma huh Francis. Jidher, li zewg l-imsemmi Anna Degiorgio beda johdilhom xi ritratti. Dan l-inkontru tal-kontendenti wassal ghal incident biex l-attur, l-ewwel gie fl-idejn ma' Francis Degiorgio, li spicca tefghu mal-art u beda jaghtih, sakemm John

dahal ukoll fil-miskja u waqt li l-attur kien mal-art, beda jaghtih bis-sieq f'rasu.

**3.** Anna Degiorgio ghenet lill-attur iqum minn mal-art. L-attur ghid li mar jaghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija, liema rapport qatt ma gie esebit. Mar ukoll il-Poliklinika tal-Furjana u kif ukoll l-Isptar Generali, fejn irrilaxxaw id-dokumenti medici li jinsabu a fol 20 u 21 tal-process.

**4.** L-unika prova li tressqet ta' kif sehhew il-fatti huma zewg affidavits. Dak tal-attur (a fol 18 ) u dak ta' Anna Degiorgio (a fol 36).

**5.** L-attur qieghed jinsisti li b'konsegwenza ta' dan l-incident sofra d-danni u ghamel il-kawza odjerna biex jirreklamahom.

**<u>Punti ta' Ligi</u>**

**6.** Il-punti tal-ligi huma cari. L-attur qieghed jipproponi l-azzjoni aquilina u cioe` l-azzjoni ghar-rimedju generali ghar-rizarciment ta' danni kawzati b'mod kolpuz. Ghalhekk, id-danni li qieghed ighid li sofra l-attur, ghandhom in-ness kawzali taghhom marbutin intrinsikament mal-agir kolpuz tal-konvenuti tant li fic-citazzjoni jippremetti li "kien aggredit b'mod vjolenti mill-konvenuti" fid-data fuq imsemmija.

**7.** Fit-tieni lok l-attur qieghed jippretendi li l-konvenuti jew min minnhom, jigu kundannati ihallsu d-danni fit-termini ta' dak li jistipula l-artikolu 1045 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement ikkundannati ihallsuh id-danni.

**Konsiderazzjonijiet**

*Responsabbilta' u ness kawzali*:

**8.** Dwar min kien responsabbli ghall-incident, u ghalhekk min jahti ghad-danni subiti mill-attur, din il-Qorti m'ghandha ebda diffikulta` biex tasal ghall-konkluzjoni.

**9.** Kif intqal aktar 'l fuq, il-Qorti ghandha quddiemha verzjoni wahda: dik tal-attur. Il-konvenuti mhux biss ma resqu ebda prova biex jassodaw l-eccezzjonijiet taghhom fis-sens li ddefendew irwiehhom (a fol 8), talli fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom ma ghamlu ebda emfazi fuq dan il-punt hlief li ghamlu referenza ghal din l-eccezzjoni. In-nota ta' osservazzjoni tal-konvenuti, ikkoncentrat unikament fuq l-aspett tad-danni.

**10.** Meta l-Qorti ezaminat il-ftit fatti li kellha quddiemha, ma setghetx ma tasalx ghall-konkluzjoni li l-verzjoni tal-attur, fid-dawl tal-affidavit ta' Anna Degiorgio u certifikati medici, li ghandhom l-istess data tal-incident, hija mhux biss kredibbli, izda anke verosimili. Kienu l-konvenuti li marru jfittxu lill-attur biex jigbdulu xi ritratti fil-presenza ta' Anna Degiorgio, mart l-attur Francis Degiorgio! Anna Degiorgio qabzet ghall-attur meta zewgha beda jaghtih u baqghet mieghu anke wara l-incident tant li marret l-ghassa mal-attur biex isir rapport kontra zewgha. Wara li sar ir-rapport sahansitra marret mal-attur il-poliklinika biex jiddewwa. Ghalhekk, din il-

Qorti ghandha ghalfejn tifhem, li filwaqt tal-incident hadd mill-partijiet ma kien f'qaghda li jirraguna, b'mod partikolari l-konvenuti.

**11.** Ghalhekk il-Qorti ma ssib ebda diffikulta` biex tasal ghall-konkluzjoni li l-konvenuti jahtu ghall-incident inkwistjoni u b'konsegwenza ghad-danni sofferti mill-attur. Dan qieghed jinghad fil-konfront taz-zewg konvenuti bhala ko-awturi: John li qabad jaghtih, tant li tefghu mal-art, u Francis li kompla ma' huh u ta bis-sieq fuq ras il-Konvenut. Rilevanti, li hadd mill-konvenuti ma sofra griehi u hadd minnhom ma mar jaghmel rapport.

*Kwantifkazzjoni ta' danni:*

**12.** Dwar id-danni, l-attur ma ressaq ebda prova konkreta fuq x'hiex din il-Qorti tista' tikkomputa l-likwidazzjoni. Dwar id-*damnum emergens* la gew prezentati ricevuti ta' x'nefaq biex iddewwa, la kemm hallas, biex skont hu, meta kellu jqabbad persuna ohra biex tghinu u lanqas xi forma ta' prospett ta' x'tilef kuljum kemm dam ma jidhol ghax-xoghol. Lanqas prova ta' kemm kellu zmien ma gab, dettal li l-Qorti kellha tislet mic-certifikati medici li esebixxa ai fini ta' tal-ligijiet socjali. Minn dawn jirrizulta informalment, li twieled fid-29 ta' Novembru 1960 u li dam ma jidhol ghax-xoghol mill-31 ta' Awwissu 1998 sas-6 ta' Ottubru 1998.

**13.** Kwantu jirrigwarda l-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans*, din il-Qorti tirriskontra diffikultajiet, mhux biss bin-nuqqas ta' provi dokumentarji, bhal ma huma *income tax returns* jew xi xorta ta' kotba tal-kummerc, li jindikaw

il-qliegh tal-attur, izda wkoll minhabba r-rapport tal-periti perizjuri li kkonkludew b'mod car li l-attur "*kemm mill-aspett oftamalogiku kif ukoll mill-aspett newrologiku ... ... ma ghandu l-ebda sinjal ta' dizabilita` permanenti bhala konsegwenza tal-incident tal-31 1998*." (a fol 105)

**14.** Minghajr dawn ix-xorta ta' provi, ma jkunx possibbli li jigi bl-applikazzjoni tal-principju tar-*restitution ad integrum* u cioe` li din il-Qorti tqieghed lill-attur fil-posizzjoni li kien qabel l-akkadut **(PA fl-ismijiet Mario Camilleri-vs- Mario Borg et tat-8 ta' Mejju 1990 ).** Ir-rapport tal-periti addizzjonali jirrifjuta ghal kollox il-konkluzjonijiet tal-espert mediku Dr. Anthony Galea Debono (a fol 57). F'dak ir-rapport l-espert ikkonkluda li l-attur kien qieghed isofri minn dizabilita` permanenti globali ta' 7%.

**15.** B'danakollu ma jfissirx li l-Qorti hija assolutament b'idejha marbuta u li fid-dawl tar-rapport tal-esperti addizzjonali ghandha tieqaf hemm. Qabel xejn, ir-rapporti l-aktar li jincidu fuq il-*lucrum cessans* u mhux fuq id-*damnun emergens*. Fil-fatt f'dan il-kaz, kemm l-ewwel rapport, u anke t-tieni wiehed, ma jqanqlu xejn dwar dan l-ahhar aspett.

**16.** Lanqas ma jfisser, li f'kaz ta' karenza ta' provi kwalunkwe dwar danni elenkati fl-artikolu 1045 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tkun dahlet f'gelu legali. Jekk il-Qorti thoss li c-cahda tad-danni ser tkun aktar ta' inikwa ghall-vittma milli ghal min ikun wettaq l-att doluz, il-Qorti ghandha dejjem taghti xi xorta ta' kumpens.

**17.** Il-gustizzja ekwittativa ma tippermettix li ma jinghatax rimedju lil min ikun issubixxa xi xorta ta' pregudizzju li ghalkemm ma jkun hemm prova processwali dwar dan, fil-kuxjenza l-Qorti thoss li mic-cirkostanzi kollha tal-kaz dan il-pregudizzju jesisti fir-rejalta`.

**18.** Ghalhekk ciononstante r-rapport ta' periti esperti, il-Qorti ma hiex marbuta b'mod ermetiku li ma taghmel xejn. Dan huwa principju li mhux biss insibuh f'sentenzi, bhal dik tal-**Prim Awla fl-ismijiet Anthony Borg -vs- Henry Schembri et per Imhallef Joseph Azzopardi tal-10 ta' Ottubru 2011** izda anke f'artikolu 681 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta (**ara ukoll Giswarda Bugeja-vs- Emmanuel Muscat, Qorti tal-Appell, 23 ta' Gunju 1967.)**

**19.** Ghalhekk il-Qorti thoss li fil-kaz odjern ghandha tapplika l-principju tal-gustizzja ekwittativa, ghalkemm din trid tinzamm fil-qafas ta' dak li jiddisponu l-artikoli 1135 u 1045 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta (**Margaret Camilleri et -vs- The Cargo Handling Co Ltd deciza fit-13 ta' Ottubru, 2004**). Dawn il-Qrati dejjem irritenew, li ma jistax ikun ddubitat li l-gudikant ghandu l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qliegh bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwittativa. F'decizjoni li tinsab Vol. XXXV P. III p.615 tal-Kollezzjonijiet tad-Decizjonijiet ta' dawn il-Qrati, gie segwit l-insenjament tal-Qorti Taljana ta' Cassazzioni li "vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e' rimesso al Magistrato il-valutare 'ex aequo et bono' second i dettami della sua

ragione e coscienza, l'ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato". Ovvjament, il-likwidazzjoni ta' danni abbazi ta' dan il-principju, mhux facli li jkun ekwivalenti ghal-likwidazzjoni ta' danni ben stradati fuq provi processwali li jwasslu ghall-komputazzjoni matematika, li solitalment jirrikorru ghaliha dawn il-Qrati ai fini ta' kalkolu preciz fuq formuli zviluppati maz-zmien bis-sahha ta' sentenzi fuq il-materja.

**20.** Ghalhekk din il-Qorti abbazi tal-principju ta' gustizzja ekwittativa ser tillikwida d-danni *arbitrio boni viri* kif ser jinghad.

**21.** Bhala danni effettivi l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni li l-attur, immedjatament wara l-akkadut, dam kwazi xahrejn ma jahdimx (ara dokumenti a fol 22 sa 27 tal-process). Kieku din il-Qorti kellha toqghod fuq il-paga minima li dak iz-zmien, li bejn wiehed u iehor kienet mija u ghoxrin ewro (€120) fil-gimgha, it-telf effettiv tal-attur jammonta ghal: €120 x 9 (gimghat) = €1080. Wiehed irid jiftakar li l-attur kien jahdem ghal rasu u mhux impjegat.

**22.** Bhala telf ta' qliegh futuri, l-Qorti taghmel differenza bejn l-ugiegh li kien ihoss f'rasu u l-problema oftalmika. L-esperti ghamluha cara li l-ugiegh tar-ras ma kienx relatat mal-incident. Di fatti Dr.Josanne Aquilina u Dr.Norbert Vella in eskussjoni (ara xhieda taghhom tal-15 ta' Jannar 2009 a fol 114) qalu precizament dan il-kliem "Min-naha tal-ugigh ta' ras huwa tat-tip *tension type headache*, li huwa lment komuni hafna, li huwa

difficli hafna li wiehed jorbtu mal-incident illi fuqu mibni dan il-kaz." Ghalhekk dan l-ilment qed ikun skartat.

**23.** Kwantu l-kwistjoni oftalmika, l-esperti wkoll iddikjaraw li ma sabu ebda dannu permanenti. B'dana kollu, Dr. Albert M. Bezzina, ukoll in eskussjoni, fix-xhieda tieghu tal-15 ta' Jannar 2009 qal hekk dwar il-lampi li l-attur kien qieghed ikollu f'ghajnejh: "Jistghu jigu spjegati mill-fatt illi l-*jelly* li huwa trasparenti seta' inqala' kwazi totalment u kull moviment jista' jahbat mar-*retina* bhal *loose object* u dik tista' taghti sensazzjoni ta' dawn il-lampi, nghidulhom *flashes* ahna". Kompla jixhed li: "Iktar serja hija dik li l-*gel*, li huwa trasparenti, ahna qatt ma nistghu nkunu certi nqalax kollu". Aktar 'l quddiem ikompli jispjega, kif fil-futur dan l-incident jista' jikkontribwixxi biex ikun hemm ticrit fir-*retina* u li ghalkemm dan mhux probabbli, il-possibilta` hemm qeghdha.

**24.** Hadd ma ghandu jghix fil-bizgha li hemm il-possibilta` li fil-futur isofri minn xi debilita', li ghalkemm illum ma tesistix, b'konsegwenza taghha jistghu jizviluppaw problemi fil-futur.

**25.** Min jikkawza l-att doluz ihossu konfortat, li fil-mument li sehh l-att, il-vittma ma kellha xejn permanenti, izda nel frattemp il-vittma trid tghix dejjem taht l-aspettativa negattiva, li fil-futur tista' ssofri xi hsara b'konsegwenza ta' dak l-att doluz li jkun sehh snin qabel. Dan jinghad biss, meta jkunu l-esperti stess li ma jistghux jeskludu ghal kollox dwar x'jista' jigri fil-futur konness mal-att dannuz. Fil-kaz tal-ugiegh ta' ras tal-

attur din l-eskluzjoni saret. Fil-kaz tad-dannu f'ghajnejh din l-eskluzjoni ma tistax issir.

**26.** Ghalhekk din il-Qorti, kwantu jirrigwarda l-hsara li sofra l-attur f'ghajnejh il-leminija, qeghda *arbitrio boni viri* tiffissa l-ammont ta' danni sofferti minnu , fis-somma ta' sitt elef ewro (€6,000). B'hekk l-ammont totali li qed jigi likwidat in linea ta' danni huwa dak ta' sebghat elef u tmenin Ewro (€7,080).

**27.** Fl-ahhar nett il-Qorti ser tapplika solidarjeta` bejn il-konvenuti kwantu jirrigwarda l-hlas u dan kif jistipula l-artikolu 1049(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decide**

**28.** Ghaldaqstant in vista tas-suespost, din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza kif ser jinghad:-

**Tilqa'** l-ewwel talba u tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghall-hsara li garrab l-attur f'ghajnejh ix-xellugija;

**Tillikwida** d-danni sofferti mill-attur fl-ammont sebghat elef u tmenin Ewro (€7,080);

**Tikkundanna** lill-konvenuti, solidalment bejniethom, ihallsu l-ammont hekk likwidat lill-attur, bl-imghaxijiet legali mit-30 ta' Gunju 2009 sal-pagament effettiv.

L-ispejjes tal-kawza jithallsu kwantu ghall-kwart ($^1/_4$) mill-attur u kwantu ghal tlett kwarti ($^3/_4$) mill-konvenuti solidalment bejniethom.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**